MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1162/1999/1

Catherine mart Benny Mifsud Bonnici

vs

1) John Desira 2) Joseph Desira 3) Carmelo Desira 4) Angelo Desira, (5) Frances mart Frank Bugeja 6) Anthony Desira (7) Gaetano Desira

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:

Illi sija hi kif ukoll il-konvenuti huma ahwa ulied il-mejtin Annunziato u Maria mizzewgin Desira li mietu

rispettivament fis-17 ta’ April, 1993 u fl-20 ta’ Novembru, 1995.

Illi omm il-partijiet Maria Desira ghamlet is-segwenti testmenti u cioe’ tal-24 ta’ Novembru 1993 tat-l8 ta’ Jannar 1994 u tat-28 ta’ Frar 1995, rispettivament quddiem in-Nutar Dott. Michel Dingli; Dok “A”, “B” u “C.”

Illi meta saru dawn it-testmenti t-testatrici Maria Desira armla ta’ Annunziato ma kinitx libera fl-agir taghha.

Illi hemm indikat b’ mod car li: “it-testatrici m’hijiex f’ posizzjoni fizika li tiffirma.”

Illi l-kunsens tad-decujus kien karpit bil-vjolenza, “duress morali” u qerq li kkonducew id-decujus tidher fuq dawn it-testmenti u tiffirma kontra l-volonta’ taghha.

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandiex -

a) tiddikjara li t-testmenti tal-24 ta’ Novembru 1993, 8 ta’ Jannar, 1994 u 28 ta’ Frar 1995 debitament iffirmati quddiem in-Nutar Michel Dingli huma nulli u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhida taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

Illi, primarjament, in-nullita tac-citazzjoni, statne li l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-atti u li lanqas l-attrici nnifisha ma setetx tagixxi b’ mod personali.

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jirrigward t-talbiet ghar-rigward it-testmenti datati 8 ta’ Jannar 1994 u 28 ta’ Frar 1995, dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fin-nuqqas

ta' prova kontrarja Maria Desira ma ghamlet l-ebda testment jew addenda f'tali granet.

Illi, inoltre, fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes u dan ghaliex mhux minnu li t-testmenti huma nulli u bla ebda effett u dan meta ma gewx karpiti bil-vjolenza, "duress morali" u qerq, izda jirriflettu inekwivokabbilment il-volonta tad-decujus ta' kif tiddisponi mill-beni taghha u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfrmata il-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-affidavits ta' George Mifsud Bonnici u ta' Caroline Mifsud Bonnici Presentati mill-attrici u l-affidavit taghha.

Rat l-affidavits tal-konvenuti Anglu Desira, Anthony Desira, Gaetano Desira, Joseph Desira, Frances Bugeja, Carmen Desira u Josephine Desira.

Semghet lix-xhud Nutar M. Dingli prodott mill-konvenuti.

Senghet lix-xhud Caroline Mifsud Bonnici in kontro-esami.

Rat it-traskrizzjoni tal-kontro-esami tal-attrici li ddeponiet quddiem l-Imhallef supplenti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-attrici u l-konvenuti huma ahwa, lkoll ulied il-mejtin Annunziato u Maria mizzewgin Desira. L-imsemmija genituri tal-partijiet mietu rispettivament fis-17 ta' April,

1993 u fl-20 ta' Novembru, 1995. Jirrizulta illi l-omm ghamlet tlett (3) testmenti fil-1993, 1994 u 1995, ilkoll fl-atti tan-Nutar Michel Dingli li, gie ukoll prodott biex jixhed f'dawn il-proceduri.

Fic-citazzjoni l-attrici tippremetti li l-isemmija testmenti saru meta t-tetatrici ma kinitx libera fl-agir taghha u difatti skond l-istess attrici fl-istess testmenti hemm indikat li l-istess attrici ma kinitx f'posizzjoni fizika li tiffirma. Inoltre l-attrici talega li l-kunsens tal-imsemmija testatrici gie karpit bil-vjolenza, b'"duress" morali u b'qerq li wasslu t-testatrici li tiffirma t-tetmenti, dejjem skond l-attrici "kontra l-volonta' taghha." Fuq dawn il-kawzalitajiet l-attrici qed titlob li jigi dikjarat li t-testmenti in kwestjoni huma nulli u bla effett.

Minn naha taghhom il-konvenuti jeccepixxu li c-citazzjoni hi nulla peress li "l-konvenut" mhux il-legittimu kontradittur u li l-attrici ma setetx tagixxi b' mod personali. Jeccepixxu inoltre li fir-rigward tat-testmenti tal-1994 u tal-1995 it-testatrici ma ghamlet l-ebda testment jew addenda fil-granet indikati fic-citazzjoni. Finalment il-konvenuti jeccepixxu, fil-mertu, li t-testmenti in kwistjoni ma gewx karpiti la bil-vjolenza, b'"duress" u b'qerq, izda jirriflettu il-volonta' tad-decujus.

Kif gia gie rilevat basikament l-attrici tallega li ommha, Maria Desira, ma kienitx libera fl-aġir tagħha meta għamlet l-imsemmija testmenti. L-artikolu 655(1) tal-kodiċi Ċivili (Kap.16) jgħid testwalment li - "Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, it-testment pubbliku għandu jirċevih u jippubblikah nutar, quddiem żewġ xhieda, bħal kull att nutarili ieħor, taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili ukoll għal dik li hi l-firma tat-testatur, skond jekk dan jkunx jaf u jistax jikteb, jew le" u "(2) Il-firma tax-xhieda hi dejjem meħtieġa, ikun kemm ikun il-valur tal-ħaġa li wieħed jiddisponi minnha bit-testment."

L-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap.55), fl-artiklu 28 jgħid hekk dwar il-forma ta' l-atti - "(v) jekk xi waħda mill-partijiet jew xi wieħed mill-fidem facientes ma jkunux jafu jew ma jkunux jistgħu jiffirmaw, huma

għandhom jiddikjaraw x'inhu li jkun iżommhom milli jiffirmaw, u n-nutar għandu jsemmi din id-dikjarazzjoni qabel ma l-att jiġi iffirmat."

Jirrizulta li it-testmenti in kwestjoni gew pubblikati fil-preżenza ta' żewġ xhieda u kwindi d-dikjarazzjoni tan-nutar li l-mejta ma setgħetx tiffirma ghandha titqies li saret skond il-ligi. Il-konvenuti qiegħdin jissottomettu li c-citazzjoni hi nulla peress li fl-ewwel lok "il-konvenut" mhux il-leġittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri u li fit-tieni lok lanqas l-attriċi innifisha ma setgħetx taġixxi b'mod personali.

Ghandu jingħad mil-lewwel li mhux ċar għal liema konvenut qiegħed jingħad li mhuwiex il-leġittimu kuntradittur. Fi kwalunkwe każ, jiġi osservat illi f'din il-kawża l-attrici qed tagixxi kontra seba (7) min hutha li huma lkoll ulied u werrieta tal-mejta Maria Desira. Kwindi jesisti u jirrizulta n-ness necessarju u rikjest bejn l-attriċi u l-konvenuti kollha. Ghalhekk teżisti relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u l-konvenuti kollha, li huma l-persuni idoneji li jkunu konvenuti fil-kawża odjerna. Għaldaqstant l-eccezzjoni li l-konvenuti, jew minn minnhom, ma humiex il-legittimi kuntradItturi ma tirrizultax li hija tenibbli la fil-fatt u lanqas fid-dritt. Peress li din l-eccezzjoni ma tirizultax li hi gustifikata, konsegwentement għandha tiġi miċħuda.

Fit-tieni lok il-konvenuti jeċċepixxu illi l-attriċi ma setgħetx taġixxi b'mod personali. Din il-kawża titratta beni parafernali li tnisslu minn wirt u skond l-artikolu 1334 (2) tal-Kodiċi Ċivili l-amministrazzjoni ta' tali beni parafernali tkun b'mod esklussiv f'idejn dik il-parti fiż-żwieġ li tagħha jkunu l-beni. Kwindi din l-eċċezzjoni ukoll għandha tiġi miċħuda għaliex il-liġi tagħti d-dritt lill-mara miżewwġa li toqgħod f'kawża bħala attriċi jew konvenuta mingħajr l-awtorizzazzjoni jew l-assistenza ta' żewġha meta l-mertu tal-kawza jirrigwarda beni parafernali taghha.

Ghandu ukoll jigi osservat illi t-talba titkellem dwar testmenti datati 24 ta' Novembru 1993, 8 ta' Jannar 1994 u 28 ta' Frar 1995. Fil-fatt it-testmenti esebiti u immarkati bħala dok A, B u C huma datati 24 ta' Novembru 1993, 8

ta’ Frar 1994 (għalkemm fil-lista tad-dokumenti esebiti dan huwa imniżżel bħala testment tat-8 ta’ Ottubru 1994) u 22 ta’ Frar 1995 rispettivament. Minkejja din id-diskrepanza fid-dati, li hi kjarament dovuta ghal zbal, ser tinghata konsiderazzjoni lit-testmenti li kif gia nghad huma mmarkati dok A, B u C billi dawn jirriżultaw mill-atti proċesswali. Konsegwentement qed tigi ukoll miċħuda t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti

F’dan l-istadju ser jigi esaminat jekk l-attriċi irnexxielhiex tressaq biżejjed provi in sostenn tat-talbiet tagħha. L-attriċi tallega li meta saru dawn it-testmenti l-mejta ma kienetx libera fl-aġir tagħha, ma kienetx f’posizzjoni li tiffirma, u li l-kunsens tad-decujus kien karpit bi vjolenza, duress morali u qerq li kkonduċew lid-deċujus tidher fuq dawn it-testmenti u tiffirma kontra l-volonta’ tagħha. Jigi nnotat li l-fatt li t-testatrici ma setghetx tiffirma ma jindika ebda kondizzjoni ghar-rigward tas-sahha mentali tad-decuius.

Il-konvenuti jeċepixxu illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti stante illi mhux minnu li t-testmenti huma nulli u bla effett u dan meta ma ġewx karpiti bi vjolenza, duress morali, u qerq, iżda jirriflettu inekwivokabbilment il-volonta tad-deċujus ta’ kif riedet tiddisponi mill-beni taghha. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta’ Mejju 1947, fil-każ bl-ismijiet “Kan Dekan Francesco Camilleri et vs Salvina Camilleri” irreteniet li “Hija d-dottrina u ġurisprudenza illi f’materja simili l-provi għandhom ikunu ċari u konkludenti. Diversament f’każ ta’ dubju dan għandu jmur favur il-konvenut li kontra tiegħu tkun eżerċitata din l-azzjoni.” Isegwi li biex tirnexxi din l-azzjoni l-attriċi jeħtieġilha b’mod konvinċenti tipprova l-att minnha allegat li kkmanda l-volonta’ tat-testatriċi . L-attriċi tgħid li l-kunsens tad-decujus kien ivvizzjat minħabba vjolenza u qerq. Il-vjolenza bħala att li tinfiċċja l-kunsens hi trattata fl-artikolu 974 et seq tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 974 jipprodi li jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza jew b’għemil doluż ma jkunx jiswa. L-artikolu 978 jgħid illi l-kunsens jitqies meħud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġiegħlha tibża li hija innifisha jew ħwejjiġja jistgħu jiġu

mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira. F'dan ir-rigwad ghandha tinghata konsiderazzjoni lill-eta, is-sess u l-kondizzjoni tal-persuna li tkun issubiet il-vjolenza. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili fil-kawza deciza fis-16 ta' Ġunju 1995, fl-ismijiet "Frank Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et." Gie ritenut li biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal għan-nullita' tal-kuntratt hemm bżonn li dik il-vjolenza tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt, li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza eżerċitata biex jiġi ottenut il-kunsens u mhux biex jiġi ottenut skop divers u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li eżerċitata biex tottjeni dak il-kunsens. Għaldaqstant biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li tkun determinanti, inġusta u gravi.

Jirriżulta illi t-testatriċi kienet persuna dipendenti go "wheelchair" u kienet tbati ukoll b'artrite. Pero jrid jigi osservat li l-attrici naqset li tipprova b'mod sodisfacjenti u sufficjenti li t-testatriċi kellha problemi mentali. F'dan ir-rigward l-attrici semplicement taghmel allegazzjoni (fol.45 u fol.88) fis-sens li ommha jew ahjar it-testatrici kienet issofri minn depressjoni. Bint l-attriċi, Caroline Mifsud Bonnici, (fol 78), tikkonferma li t-testatrici kienet tbati minn depression. Jigi nnotat ukoll li l-attrici stess stqarret li kienet taħseb li l-mejta kienet f'sikkitha meta saru l-ewwel żewġ testmenti (fol 91) pero' sussegwentement ommha bdiet tbati minn "depression" u cioe' lejn l-aħħar ta' ħajjitha.
Mill-banda l-ohra pero' l-konvenuti kollha jaqblu illi t-testatriċi kellha moħħha għadu tajjeb u riedet li d-deċiżjonijiet tagħha toħodhom hija mingħajr ma jindaħlilha ħadd, u li fil-fatt hija kienet libera fid-deċiżjonijiet tagħha meta għamlet it-testment.

F'dan ir-rigward ghandu jigi ukoll rilevat li n-nutar, li rcieva t-testment in kwestjoni kkonferma li huwa ma ħassx il-bżonn illi jitlob ċertifikat mediku rigward is-saħħa mentali tat-testatriċi (fol 74). Barra minn hekk m'hemmx dubju li l-attrici ma ghamlet ebda prova konvincenti rigwardanti xi problemi ta' saħħa mentali ta ommha. Saru biss allegazzjonijiet li t-testatrici setghet kienet qed tbghati minn depressjoni. Kwindi ma tirriżulta ebda prova illi t-

testatrici kienet fi stat mentali dgħajjef li seta rrenda lill-istess testatrici aktar suxxettibbli u vulnerabbli għal theddid jew li seta jnaqqas il-volonta’ libera tal-istess testatrici.

Ix-xhieda prodotti mill-attrici mhux ghal kollox affidabbli u attendibli, oltre li kienu vagi f’dak li qalu li ukoll ma giex sostasnzjat minn provi ohra. Bin l-attrici George Mifsud Bonnici (fol.32) jitkellem fuq il-pussess li l-konvenuti kellhom fuq il-mejta, tant li l-istess testatrici ma kinitx libera fl-agir u fir-rieda taghha. L-istess xhud jghid ukoll li z-zijiet tieghu, jew ahjar, il-konvenuti raw kif għamlu biex jenforzaw ir-rieda tagħhom. Huwa jghid li “ma jaskludiex” li n-nanna tieghu ma kenitx libera meta għamlet it-testment. Ma hemmx dubju li din id-deposizzjoni ma tistax titqies li hi prova zgura ta’ nuqqas ta’ liberta’ fl-aġir tat-testatriċi. Bint l-attrici tuza l-istess kliem u ghalhekk ukoll dak li qalet bint l-attrici ma jistax jitqies li hu prova dwar l-isatt mentali tat-testatrici. . Dak kollu li qalu x-xhieda prodotti mill-attrici ma jistax jammonta ghall-prova ta xi atti ta’ vjolenza fuq il-mejta li setghu jimpinġu fuq il-liberta’ tagħha fil-mument tat-testment.

L-attriċi tgħid li ħutha kienu preżenti fl-aħħar testment ta’ ommha u hi ‘taf li t-testment gie redatt skond ir-rieda taghhom u dan peress li ommha kienet qed tbati minn depressjoni u kienet waslet fl-aħħar uma kenitx f’posizzjoni li tagħmel li trid (fol 45). Dan il-kliem tal-attrici bl-ebda mod ma gie sostasnzjat. Bint l-attrici, Caroline Mifsud Bonnici, (fol.78) tgħid li t-testatriċi kienet tħossha imbeżża u kienet rikattata mit-tfal tagħha. Aktar tard l-istess xhud iccarat li dan it-theddid kien jikkonsisti billi waħda mit-tfal tad-decujus, ċioe Francis Bugeja, kienet kontinwament tgħid lill-ommha biex thalli post lill-attrici.
Zgur li dan kollu ma jistax jitqies li hu prova ta’ vjolenza fil-konfront tat-testatrici, liema vjolenza setghet tnissel biża fit-testatrici ghal persuna tsghha jew hwejjigha li setghu kienu mqiegħda f’perikolu ta’ ħsara kbira.

Hu importanti li hawnhekk jigi nrilevat dak li qal in-nutar li rcieva t-testmenti ( fol.74). In-nutar iikkonferma “ma jidhirlix illi kien hemm xi ċirkustanza li setgħu ġegħluni

naħseb li t-testatriċi kienet qed tagħmel dawn it-testmenti taħt xi minaċċja, jew taħt duress'. In-nutar jghid ukoll li t-testatriċi kienet assolutament libera li tagħmel dak li riedet u li tindika dak li riedet fit-testment. L-istess xhud ikkonferma li anke għar-rigward tat-tielet testment, ir-rieda tat-testatriċi kienet rispettata u t-tfal ma ndaħlux f'dak li kienet qed tagħmel it-testatriċi.

Inoltre l-konvenuti jiċħdu li qatt għamlu vjolenza fuq l-attriċi. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u tar-rizulnzi l-verżjoni tal-konvenuti hija aktar verosimili mill-verżjoni tal-attriċi. Certament ma tirriżultax mill-provi xi vjolenza li setghet tinfluenza l-kunsens tat-testatriċi jew li steghet tbezza lit-testatrici li hija kienet ser tkun esposta għall-perikolu. Dan qed jinghad anke tenut kont tal-eta', sess u l-kondizzjonijiet li kienet tinsab fihom it-testatrici. In effett jirriżulta b'mod sodisfaċenti li l-kunsens kien wieħed ħieles.

Jigi rilrevat li jirrizulta li l-attriċi, bint l-attrici kif ukoll il-konvenuti kienu iduru bit-testatriċi. Jigi inoltre rilevat li fl-ewwel testment it-testatriċi halliet lit-tmien uliedha bħala eredi tagħha f'ishma ugwali. Fit-tieni testment, li huwa addenda għall-ewwel wieħed, hija tħalli b'titolu ta' prelegat lill-attriċi il-fond Dar il-Ġnien bil-kondizzjoni li din tieħu ħsiebha. Fit-tielet testment it-testatriċi tħalli b'titolu ta' prelegat il-proprjeta immobbli tagħha lis-seba uliedha għajr l-attriċi u lilha tħallilha Dar il-Ġnien.

Minn dak kollu li gie premess u minn dak li jirriżulta mill-provi, l-attriċi bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova l-allegazzjoni tagħha li t-testatriċi kienet soġġetta għal xi forma ta' vjolenza morali li ivvizzjat il-kunsens tagħha. In oltre irid jiġi osservat ukoll li jirrizulta li l-attrici kienet presenti meta saru l-ewwel zewg testmenti. Il-fatt li l-attriċi kienet preżenti meta saru l-imsemmija testmenti ċertament ma jsostnix it-teżi tal-attriċi li dawn it-testmenti saru kontra l-volonta tat-testatriċi.

In konkluzjoni jigi ribadit li ma jirriżultaw ebda attijiet li setghu jimpingu fuq il-volonta' tat-testatrici u ma jirrizulta xejn li mhux normali ghar-rigward tal-istat mentali tal-

istess testatrici. Kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda mentri ghandha tigi akkolta t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi

Tiddeciedi billi fl-ewwel l-lok tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-tielet eccezzjoni tal-istess konvenuti u kosegwentement tichad it-talbiet kollha attrici.

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------